KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 10 Tnejn 9 ta’ Diċembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Howard -Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Rachel Abela – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

10.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta’ apoloġija, tal-Kunsilliera Rachel Abela, Joseph Gatt u Shirley Abela. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta’ apoloġiji.

10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 9

REF: 9.3.1 Korrispondenza - Request for One Way and no Horn signs to be installed in Triq San Silvestru

Is-Sindku nfurmat li qed tiġbor pjanta ta’ eżatt kif il-vetturi qed jgħaddu min din it-triq, u nressaq ideja ta’ kif jista jgħaddi t-traffiku f’din iż-żona, u jekk bħala Kunsill naqblu, ngħamlu laqgħa mar-residenti.

REF: 9.3.2 Kommunikazzjoni - Quote for Resurfacing of Triq il-Bonnijiet and Triq il-Bajtar pavement
Is-Sindku nfurmat li fuq Triq il-Bajtar qed nistennew il-permess min Transport Malta, peress li kien jonqos il-kejl tal-wisgħa tat-triq, fejn il-Perit tal-Kunsill il-ġimgħa l-oħra ta' dan il-kejl.

REF: 9.3.6 Kommunikazzjoni - One Way Triq il-Bajtar u Triq l-Istrinġell
Is-Sindku nfurmat li meta reċentement għaddiet min din it-triq reġet weħlet f'din it-triq meta vettura kienet ġejja min naħa l-oħra tat-triq, u temmen li tista ssir *one-way* peress li triq żgħira. Il-kunsillier Cassar talab jekk jistax jiġi preżentat viżwal ta' din it-triq, u idejalment ssir fil-laqgħa li jmiss peres li mhux iż-żmien li jintbgħatu ittri lir-residenti.

Is-Sindku nfurmat wkoll li l-ittra lir-residenti ta' triq il-Bajtar intbgħatet illum, kif wkoll parti min tirq Baskal Buhagair u parti min triq il-Ħtajriet.

REF: 9.3.10 Kommunikazzjoni - quote solar belisha vjal il-qalbiena mostin kif idur mar-roundabout tal-iscotts
Is-Sindku nfurmat li għad ma rċevejnhiex il- Belishia Lights.

REF: 9.3.11 Kommunikazzjoni – Road Humps in Triq EB Vella
Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar laqgħa l-Kunsill qabel li ma jsirux minħabba lilmijiet, pero' fil-laqgħa pubblika resident semma biex jsiru. Il-Kunsillier Cassar nforma li ma kkumentax waqt il-laqgħa pubblika minħabba l-mod kif tkellem ir-resident għax ma kienx vallapena li tingħata spjegazjoni. Il-Kunsillier Cassar reġa spjega li kif inhi mibnijja t-triq l-ilma jmur lejn in-nofs ta' triq, u meta saru li *sleeping police* l-ilmijiet marru għal-ġenb tat-triq fejn fuq naħa minnhom hemm *underground garages*, fejn mar fuq il-post u ra l-ħsara li saret bl-ilmijiet li daħlulhom, u kienu ser jżommu l-Kunsill responsabbli tal-ħsarat, u għalhekk tneħħiet immedjatament li *sleeping police* u l-oħra ma saritx, peress li kellhom jsiru tnejn. Aparti li ma kellhiex issir l-applikazzjoni fuq it-talba li saret, għax il-petizjoni saret min residenti li fil-maġġoranza ma joqgħodux fi triq EB Vella, fil-fatt is-sinjur li lmenta dak in nhar fil-laqgħa annwali joqgħod fi triq il-Farinall. Il-Kunsilliera Bonnici kkonfermat u żiedet tgħid li min joqgħod fi triq EB Vella ma riedux li jsiru r-*road humps.*

Fis 6:25pm daħlu għal laqgħa l-Kunsilliera Grech u Rapa.

Il-Kunsilliera Cassar u Howard ikkonfermaw wkoll li t-triq ma ttikx li s-suq bi *speed* eċċessiv.

REF: 9.3.13 Kommunikazzjoni – WM Environmental Pending Payments
Is-Sindku nfurmat u preżentat l-figuri tad-*default notices* li l-Kunsill qabel li għandhom jinħaddmu fil-laqgħa numru 9, kif wkoll kontijiet finali ta' x'għandu jieħu WM Environmental. Il-Kunsilliera qablu unanimament, u għalhekk ħa jiġi nfurmat l-avukat tal-Kunsill biex nressqu laqgħa bid-deċizjoni tal-Kunsill ma WM u l-avukata tiegħu.

Il-Kunsillier Cassar nforma wkoll li mal-kontijiet jridu jiżdiedu it-80 pot u siġar li l-Kunsill kellu jneħħi għax mietu minħabba nuqqas ta' WM. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lista sħiħa lil-Kunsillier Cassar ħalli jiżdiedu fir-rapport.

REF: 9.4.1 Outdoor Gym Equipment
Is-Sindku nfurmat li dwar l-Blata l-Għolja, iż-Żokkrija u l-Gym, għadna mingħajr il-kwotazzjoni tal kuntrattur Tyson biex nkunu nistaw napplikaw għal-fondi tad-Development Fund. Il-

Kunsillier Cassar staqsa jekk nistawx nsibu kuntrattur ieħor. Is-Segretarju Eżekutiiv nfurmat li nistaw nużaw lil Giovann li huwa kuntattur tgħana wkoll u jista jgħamel ix-xogħolijiet wkoll. Il-membri preżenti unanimament approvaw li jekk hemm bżonn nkomplu b'kuntrattur ieħor.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 9.

10.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

10.3.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku -Contracts Manager

Il-membri preżenti qablu biex tinħareġ sejħa għal *interview* għal Contracts Manager, u mhux tkun sejħa ta' tender. Din il-materja ħa terġa titella fil-laqgħa li jmis.

Fis 6:55pm il-Kunsillier Deguara talab biex jiġi skużat għax kellhu bżonn jitlaq.

10.3.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku -Internet Service CCTV

Is-Sindku nfurmat li bħala servizz ta' l-*internet* fadal Sta. Marerita u Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

10.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku -Laqgħa Annwali

Is-Sindku rringrazzjat kull min attenda, u ltqagħat ma resident li joqgħod fejn jarma l-monti u nfurmaħħa li diġa ra differenza għax ġew l-*wardens*. Il-Kunsillier Howard nforma li nhar it-tnejn 16 ta' Diċembru ħa jqassam ittra lil kull bejjiegħ tal-monti biex jkunu iktar responsabli. Talab biex jkollu Pulizija miegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

10.3.4 Kommunikazzjoni - Quote for UPS and Maintenance & Service agreement - CCTV cameras

Is-Sindku nfurmat il-kwotazzjoni tal-UPS and Maintenance & Service agreement, tammonta għal 1,032 Ewro.
Il-membri preżenti unanimament approvaw l-kwotazzjoni.

10.3.5 Kommunikazzjoni – Ħitan tas-Sejjieħ

Is-Sindku nfurmat li tkelmet mal-Perit tal-Kunsill u nfurmaħħa li hemm xi żewġ ħitan bil-ġebla tal-franka, u għalhekk biex jsir il-ħitan tas-sejjieħ komplut, irridu nġibu permess mingħand is-sidien. Il-Perit nforma wkoll li l-ħitan tas-sejjieħ li qed jsiru mil-Kunsill huma *boundary walls*, l-oħrajn huma *retention walls* fejn il-ħxuna tagħhom tvarja.

Il-Kunsillier Cassar nforma li hemm postijiet fejn m'hem xejn u ħa ntellaw ħajt. Is-Sindku nfurmat wkoll li l-Perit qal li hemm xi ħitan li huma llegali u għalhekk jekk l-Kunsill ħa jmisshom biex jirranġa, jkun qed jirranġa l-illegalita.

Il-Kunsilliera qablu li fejn hemm il-ħitan tal-franka dan ma jintmisx kif ssuġġerixxa l-Perit tal-Kunsill, u jinbena ħajt tas-sejjieħ quddiem. Fejn m'hemx ħitan dan jinbena mil-ġdied.

10.3.6 Kommunikazzjoni – 5 a-side football

Is-Sindku talbet lil Kunsillier Zerafa għal-*update.* Il-Kunsillier Zerafa nforma li pparteċipaw 5 timijiet, il-prezz għall-referee min 300 Ewro tnaqqas għall 100 Ewro. U għalekk inneqa totali kienet ta' 315 Ewro.

**10.3.7 Kommunikazzjoni – World Childrens Day**
Is-Sindku talbet lil Kunsillier Rapa għal-*update.* Il-Kunsilliera Rapa nfurmat li kien preżenti hi u s-Sindku flimkien ma l-istudenti tal-MMSA. Ħadu ħafna pjaċier u kienet attivita sabiħa.

**10.3.8 Kommunikazzjoni – Fortress Street Footpath Works Estimate**
Is-Sindku qrat id-dettalji tal-kwotazzjoni u nfurmat li l-istima hija ta' 4,419.95 Ewro.
Il-membri preżenti unanimament approvaw l-kwotazzjoni, jekk dejjem il-prezzijiet tal-kwotazzjoni taqbel mal-BOQ's tal-kuntrattur.

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk il-Perit tal-Pama bgħatx l-*updates* li kellu jibgħat. Is-Sindku nfurmat li ntbgħatu, inkluza l-email lil Viċi Sindku dwar il-kwotazzjoni tas-survej tal-ġibjun.

Fuq nota differenti l-Kunsillier Cassar nforma li tela ritratt antik tal-funtana ta' l-iljun kif kienet. Din kienet tonda u mhux kif qed tiġi mitluba mil-SHC li talbuna fl-istess ħin talbuna biex ssir kif kienet, iġifieri dawn ma jafux li kien hemm oħra qabel. Il-Kunsillier Cassar nforma li d-disinn li kien ssuġerixxa kien bħal dan li hemm fir-ritratt, fejn l-unika differenza huwa l-għoli.
Is-Sindku talbet biex jintbgħatila dan ir-ritratt.

**10.3.9 Kommunikazzjoni - WSC 1151/18 WORKS AT TRIQ DUN MIKIEL XERRI, MOSTA**
Is-Sindku qrat id-dettalji tal-kwotazzjoni u nfurmat li l-istima hija ta' 5,571.01 Ewro.
Il-membri preżenti unanimament approvaw l-kwotazzjoni.

**10.3.10 Kommunikazzjoni – Cirkulari 19/2019-Sistema ta Live Streaming**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li irċevejna Ċirkulari, fejn il-live streamin jrid jkun wkoll on demand. Il-prezz huwa annwali ta' 1,050 Ewro li jitħallas sena bil-quddiem, u *one-time fee* għas *set-up* ta' 250 Ewro.

**10.3.11 Kommunikazzjoni- Xiri ta ħelu għall-attivita ta 12 ta Diċembru 2019**
Is-Sindku nfurmat għal-attivita ta' l-anzjani tista ġġib prezz tajjeb fejn iċ-ċikkulatini tista tgħamlu għal 7.25 Ewro il-kilo flok bis 7.80 Ewro, li huwa prezz irħas min *wholesale.* Dawn ħa jkunu preżentati ġo vazzett żgħir tal-fuħħar tal-milied.
Il-membri preżenti unanimament approvaw l-kwotazzjoni.

**10.3.12 Kommunikazzjoni – Diskussjoni fuq One Way Triq Baskal Buhagiar**
REF: 9.3.6 Is-Sindku nfurmat li l-ittra ntbgħatet.

**10.3.13 Kommunikazzjoni – Updates mitluba waqt il-laqgħa tal-Kunsill mill-Perit C. Buhagiar**
Is-Sindku nfurmat li rċevejna l-*updates,* li ħa jintbgħatu lil Kunsilliera.

**10.3.14 Kommunikazzjoni – Kuntrattur tal-Public Toilets**
Is-Sindku nfurmat li l-kuntrattur tal-Public Toilets infurmana li qed jkollu problema bl-impjegati, u għalhekk talab biex jwaqqaf l-kuntratt. Is-Sindku qrat l-ittra li bgħat l-kuntrattur G3B.
Dan issa waqaf u daħal l-kuntrattur l-ġdied s-Sur Sandro Caruana li kien it-tieni *bidder.* Is-Sindku talbet biex jekk jinnuttaw xi nuqassijiet jresquhom lila jew l-*back office* tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li r-rata ħa tiżdied skont il-Local Councils Procurement Policy Note (LCCPN No:13), li rċevejna llum mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

10.3.15 Kommunikazzjoni – Skali ta' l-impjegati
Is-Sindku nfurmat li żewġ impjegati is-Sinj. Ebejer u s-Sinj. Calleja min skala 15 notch 3 issa ħa jitilaw notch 4.
Il-membri preżenti unanimament approvaw.

10.3.16 Kommunikazzjoni – Commision ta' reklamar għal-magazine.
Is-Sindku nfurmat li l-*commission* fuq ir-reklamar li nbiegħ fuq il-magazine tal-Kunsill huwa ta' 555.75 Ewro. Dan l-ammont jirrifletti biss ta' min ħallas għar-reklam, min għadu ma ħallasx, il-*commission* mhux inkluza fl-ammont ta' 555.75 Ewro.
Il-membri preżenti unanimament approvaw.

Il-Sindku nfurmat li l-magazine ġie iktar għali milli kien kwotat peres li l-kalkoli saru fuq 8,000 residenza, imma l-Mailbox ikwotat għal 9,500 *magazine* bħala *households* reġistrati.
Il-Kunsillier Cassar ssuġerixxa li noħorġu tender biex jsir il-*magazine* tal-Kunsill, għax b'*direct order* ma nistawx nibqaw nużaw l-istess *printer*, u ħa tiġina għalja kull darba li r-riedu nororġu m-*magazine* tal-Kunsill.

10.3.17 Kommunikazzjoni – Tiġdid tal-Leave ta-sena 2019 -Lorraine Templeman
Il-membri preżenti unanimament approvaw it-tiġdid tal-Leave ta-sena 2019 għal 2020.

10.3.18 Korrispondenza – Tiġdid tal-Leave ta-sena 2019 -Lorraine Zammit tabone
Il-membri preżenti unanimament approvaw it-tiġdid tal-Leave ta-sena 2019 għal 2020.

10.3.19 Korrispondenza – Korrispondenza – Tiġdid tal-Leave ta-sena 2019 -Candice Coppola
Il-membri preżenti unanimament approvaw it-tiġdid tal-Leave ta-sena 2019 għal 2020.

10.3.20 Computer Servicing Proposal
Is-Sindku nfurmat li ġiet avviċinata min The Notebook Centre, fejn qed jofru skema li diġa bdiet f'Kunsilli oħra. Din il-kumpanija qed tofri servizz billi jibgħatu *voucher* lil-kul resident f'kull *household*. Dan il-*voucher* jikkonsisti f'*general service* tal-kompjuter tagħhom, *formatting, cleaning, virus removal* u *free anti-virus software*. Dan is-servizz qed jingħata b'xejn għal-darba, lil-kull Mosti meta jieħu l-karta ta' l-identita.

Is-Sindku nfurmat li l-ispiża tal-Kunsill tkun ta' *flyer* li jkun distribwit f'kull dar u 4,995 Ewro esklus il-VAT, u validu għal-sena min meta jiġi ffirmat l-MOU.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri
10.4.1 – Ċerimonja Triq il-Bażilika.
Il-Kunsillier Cassar ressaq proposta li issa li triq il-Bazilika ngħatat isem uffiċjali, ssir festa żgħira nhar il-5 ta' Jannar, fejn jkun hemm ċerimonja tal-kxief ta' l-isem t-triq.
Il-programm jkun mgħamul min banda li tibda min triq il-Bazilika kantuniera ma Vjal il-Qalbiena Mostin sar-Rotunda. Marċ għandu jdum madwar siegħa li jibda mil 11.45am. Fl-12:45 issir ċerimonja bi tberik u kxief ta' l-isem min fejn l-uffiċju Parrokjali. It-triq min San Gużepp l-isfel, jrid jitneħħa l-*parking* min naħa d-dejqa, u t-traffiku lejn il-pjazza ma jgħaddiex sakemm jgħaddi l-marċ. Ħa jintramaw l-pavaljuni min San Ġuzepp l-isfel, u bnadar fil-pjazza. Is-*sound* ħa jiġi provdut mil-paroċċa.

Massimu ta' budget ma jaqbisx 1,500 Ewro, li jinkludi banda ta' 600 Ewro, pavaljuni u bnadar 300 Ewro, fotografu u pulizija, u jekk nixtiequ ngħamlu bibita.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

10.4.2 – Bdiel ta' isem ta' Sqaq San Anton Abbati numru 1.
Il-Kunsillier Camilleri talab biex niktbu lis-Street Naming Committee, peres li sar l-eżerċizju biex parti min triq San Anton Abbati li llum inbidlet fi triq Sant Anna, jikkunsidraw wkoll jibdlu isem sqaq San Anton Abbati numru 1, fi Sqaq Sant Anna numru 1 u jsir renumerar ta' bibien peres li żdiedu l-*households* wkoll, u dan l-isqaq nqabez mil-ezerċizju li sar.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota, u nfurmat li t-toroq li sarilhom bdiel fl-isem u renumerar ta' bibien, ir-residenti rċevew ittra mill lis-Street Naming Committe bl-isem il-ġdien u n-numerar ta' binien. Il-Kunsill ingħatawlu wkoll formoli biex ir-residenti, jekk jkollhom bżonn għax l-ittra li rċevew hija bizzejjed, jkunu jistaw jbgħatu dawn il-formoli biex jinnotifikaw entitajiet oħra bil-bdiel ta' l-indirizz.

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li għal-anzjani l-Identity Malta jofru servizz li jmorru d-dar ta' l-anzjani għal-min ma jkunx jista jmur l-uffiċini tagħhom.

Il-Kunsillier Cassar, talab biex nikkomunikw ma Identity Malta, biex naraw jistawx jiġu l-Kunsill u jgħatu jumejn servizz, jew iktar, għal-min għandu bżonn jibdel l-ID Card.

10.4.3 – Għeluq 100 sena Knisja tal-Bidnija.
Il-Kunsillier Camilleri nforma li ġibdulu l-attenzjoni li din is-sena l-Knisja tal-Bidnija tgħalaq 100 sena, u ġie ssuġeriet li tinstab triq il-Bidnija biex tissemma għal l-aħwa Zahra li bnew il-knisja. Il-Kunsilliera qablu biex terġa tittella din il-materja, għax għad hemm ta' triq li trid tissemma għal Freddie Micallef.

10.4.4 – Sessjoni ta' Tisjir.
Il-Kunsillier Micallef nforma li bħala sotto kumitat tal-ġenituri iddeċedew li ssir sessjoni oħra ta' tisjir f'Jannar.

Il-membri preżenti approva s-somma ta' 100 Ewro, u li sessjoni bħal dawn jsiru kull staġun.
Is-Sindku ssuġġeriet li eventwalment jinxtara forn, biex jintuża għal-dawn is-sezzjonijiet.

10.4.5 – Kors Food Handling
Il-Kunsillier Micallef nforma li hemm bżonn li jsir kors fuq food handling. Is-sotto kumitat iċċekja u dan il-kors jista jsir mil-JobsPlus b'xejn jekk jkun hemm attendenza ta' iktar min 30 parteċipant.

10.4.6 – Bankijiet fi Vjal Ragusa
Il-Kunsillier Micallef qal li fi Vjal Ragusa x'ħin tinżel il-parti fejn hemm il-veduta, hemm biċċa konkos fejn qabel kien hemm il-bankijiet. Għal xi raġuni dawn tneħħew u qed jintalbu biex jerġaw jsiru.
Il-membri preżenti talbu lil Kunsillier Micallef biex jimmarka iż-żona fejn qed jiġu ssuġġeriet li jsiru il-bankijiet, u jirraporta fil-laqgħa li jmiss.

**10.4.7 – Triq il-Kbira**
Il-Kunsillier Micallef nforma li fi triq il-Kbria ġo sqaq numru 2 jgħixu 4 familji, u hemm 3 familji li huma rrabjati għax dan l-isqaq sar *no parking.* Is-Sindku nfurmat li kienu qed jgħalqu persuna li ma setgħatx toħroġ bis-siġġu minħabba li qed tiġi pparkjata vettura. Is-Sindku nfurmat li ħa jsir il-kejl tat-triq u ħa tkellem lis-Sur Cohen, għax karozza toqgħod bl-eżatt.

**10.4.8 – Cat Shelters**
Il-Kunsillier Micallef staqsa jekk nistawx nsibu xi 3 *soft areas* biex jsiru *cat shelters.* Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li flimkien mal-Kunsiliera Abela diġa qed jaħdmu fuqhom.

Is-Sindku talbet lil Kunsillier Bonnici biex jitħejja *poster,* biex il-pubbliku jkun jista jġieb ikel tal-klieb u qtates, biex ntuhom lis-santwarji ta' l-annimali.

**10.4.9 – Zebra Crossing**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li kelmuħ fuq iz-*zebra crossing* ta' quddiem l-Kazin ta' Sta. Marija. Il-Kunsllier Cassar nforma li hemm approvazjoni biex tersaq, liema xogħol trid tgħamlu Transport Malta.

**10.4.10 – Kotba Maltin**
Il-Kunsilliera Rapa resqet proposta biex jkun hemm aktar kotba Maltin fil-librerija. Il-Kunsilliera ġabet kwotazzjoni mil-BDL ta' awturi Maltin. Is-Sindku nfurmat li hemm skema ta' fondi għal-libreriji, għalhekk jekk hemm fondi biżżejjed nkunu nistaw ninkludu kotba Maltin.

**10.4.11 – Pjazza Nerik Mizzi**
Il-Kunsillier Camilleri staqsa lil Viċi Sindku jekk saritx proposta biex Pjazza Nerik Mizzi l-*parking bays* jiġu *front to curb.* Il-Viċi kkonferma li l-parkeġġ jsir *front to curb* u jitwaħħlu t-tabelli, pero ma kienx ser jkun hemm gwadan minħabba garaxx li jinstab fil-kantuniera.
Idejalment tintneħħa waħda mil *parking bays* u ssir MC bay, u l-kumplament jsiru *front to curb.* Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex niċċekjaw.

**10.4.12 – Triq Patri Ġuze Delia**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li qed r-residenti qed isaqsu jekk hemx xi *update* għax qed jimxu sal-Fitwell biex jaqbdu l-public transport. Is-Sindku nfurmat li sa l-aħħar ta' Jannar għanda titlesta t-triq min Infrastructure Malta.

**10.4.13 – Food Bank Lifeline Foundation**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li l-Food Bank Lifeline Foundation jgħamlu *events* fejn tgħati flok tieħu, u jiġbru *preserves*. Il-Kunsilliera Bonnici ssuġġeriet biex jintgħażlu żewġ zoni fil-Mosta, biex jduru mal-Father Christmas u jiġbru għal FBLF.

**10.4.14 – Triq ta' Mellu**
Il-Kunsillier Howard talab biex nduru waħda l-bankini ta' triq ta' Mellu.

Is-Sindku nfurmat li irridu naraw bħala budget kif qegħdin, għax għad irridu ndaħħlu spejjes oħra, pero rridu nibdew nieħdu ħsieb il-bankini ġeww l-Mosta.

**10.4.15 – Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Sindku nfurmat li sakemm nirċievu l-allokazzjoni u naraw xi spejjes jkun hemm, irridu noħorġu adendum għal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, biex nibqaw nieħdu ħsieb dan il-ġnien.

### 10.4.16 – Laqgħa PA2495/12 Mosta Football Ground

Il-Viċi Sindku nforma li llum kellhom laqgħa ma Transport Malta, il-*case officer* tal-Planning Authority, l-MFA, u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Sar qbil biex il-MFC jiktbu lil Transport Malta u jingħatalhom it-*terms of reference* biex jsir *traffic study.*

## 10.5 Rapporti

### 10.5.1 Update - Ingaġġ ta' Tlett Skrivani Full Time Skala 15/16

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna l-applikazjonijiet għal-Skala 15 part 2. Dawn għalqu fis-6 ta' Diċembru 2019 u ircevejna.
Rigward Skala 16, din issa ħarġet għal-Kunsilli Lokali u Reġjuni u għalqet fit 22 ta' Novembru.
Ma applika ħadt allura tlabna lill Jobs Plus biex jibgħatu l-lista Part 1. Bagħtu lista tal-Part 1 sa issa applikaw 2 u din tagħlaq fis-16 ta' Diċembru.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li trid tiġi maqbula ġurnata għal-*interviews.*

### 10.5.2 Ħatra ta' Sottokumitati

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li s-sotto kumitat ta' l-ambjent huwa mgħamul mil-Kunsilliera Bonnici, Il-Viċi Sindku Grech, il-Kunsillier Gatt, is-Sur Ruben Paul Borg u s-Sur Simon Abela.

### 10.5.3 Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji 2020

Is-Sindku nfurmat li kif jkollna l-allokazjoni mil-Gvern Lokali għas-sena 2020, jkun jista jinħadem l-estimi finanzjari għal-2020.

### 10.5.4 Approvazzjoni ta Pjan ta Ħidma 2020-2024

Is-Sindku nfurmat li ġie approvat l-istess pjan ta' ħidma tas-seba leġizlatura, u kif jkollna l-allokazjoni mil-Gvern Lokali, dan ser jiġi *updated* bl-allokazjoni l-ġdieda.

## 10.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 10.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 98.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 13 ta' Novembru sad-9 ta' Diċembru 2019.

### 10.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 10.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 10.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Novembru 2019. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

10.7 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:10 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-7 ta' Jannar 2020 fis-6:00pm.

Konfermati llum 9 ta' Diċembru 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |